NEWSPAPER POST

ĦARĠA NUMRU 4 - ĦARIFA 2015

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



05 Jitnieda l-fond tal- Animal Welfare

07 Il-Pitkalija timxi maż-żminijiet

13 Riċetta bil-majjal ta' Malta

# L-Editorjal

Għeżież Qarrejja

Nistgħu ngħidu li s-sħana li ħakmet lill-gżira tagħna dan is-sajf issa qiegħda tbatti, għalkemm kellna ftit tax-xita u maltemp mhux mistenni wkoll. Dħalna fl-istaġun tal-ħarifa meta għalkemm ma nbatux ħafna sħana, lanqas ma jkun il-ksieħ li ġeneralment ikun qed jistenniena fil-bidu tas-sena l-ġdida. Ħafna draw isejħulu mezzutemp. Ix-xita li tinżel tgħin sabiex ikollna arja aktar nadifa, il-widien jibdew jimtlew bl-ilma, u l-uċuħ tar-raba' jibdew jieħdu n-nifs.

Fil-ħarifa wieħed jinnota diversi tibdiliet. Il-jum jibda jiqsar filwaqt illi l-lejl jitwal. B'hekk jibda jidlam kmieni apparti li ndawru l-arloġġ siegħa lura. Is-siġar jibdew jinżgħu mill-weraq, l-għasafar jibdew ipassu, u xi pitirross iħuf ma jonqosx. Kollox parti miċ-ċiklu tan-natura, li għalina li naħdmu f'dawn is-setturi jinteressana iktar. Dawk illi jħobbu l-frott differenti skont l-istaġun, ir-rummien ikun fl-aqwa tiegħu flimkien maċ-ċitru; l-aktar il-larinġ u l-mandolin. F'dan l-istaġun, ħafna familji jippreferu jerħulha lejn il-kampanja li issa tkun bdiet tħaddar sabiex jagħmlu xi passiġġata jew jiġbru l-bebbux li jkun xilef wara l-ewwel xita. It-tfal sellmu lill-vaganzi tas-sajf u rritornaw lura lejn l-iskola; min bid-daħka u min forsi b'xi demgħa għax il-vaganzi jħobbhom wisq!

F'din il-ħarġa, se nsibu informazzjoni dwar diversi aspetti mill-biodiversità, fosthom il-ħamiem ohxon, tagħrif dwar in-naħla Maltija u artiklu dwar għajnuna għal min irabbi n-naħal.

Għalkemm l-edizzjoni li għaddiet kienet l-aħħar waħda li fiha stedinniekom tibgħatulna l-applikazzjoni sabiex tkomplu tirċevu kopja ta' dan il-magazin, nixtiequ ninfurmawkom li min baqa' ma kkuntattjaniex għadu fiċ-ċans li jibgħatilna ittra bl-indirizz tiegħu jew fuq l-indirizz eletroniku: nisgetartna.msdec@gov.mt

Inselli għalikom,

Ramona Borg

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS


# NISĠET ARTNA

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Taqsima Festi Rurali

Ċentru ta' Riċerka u l-Iżvilupp
L-Għammieri, Triq l-Ingiered
Il-Marsa. MRS 3303

Ritratt meħud minn Guido Bonett
Għansar l-ewwel fjura tal-Ħarifa





Communications Coordinator - James J. Piscopo

Editriċi - Ramona Borg

Kontributuri:
Stefan Cachia
Andrew Vella
Marco Dimech
Arnold Sciberras
Carmelo Briffa
Matthew Zerafa
Jason Sammut
Lea Hogg
Dennis Sciberras
Dr Oliver Frendo
Jeffrey Sciberras
Marion Zammit Mangion
Emanuel Buhagiar
Christopher Bonnici
Davina Sammut

Qari tal-provi - Christopher Bonnici

Disinn MAD Promotions

Stampat fl-Istamperija tal-Gvern


# Werrej


3 DAK LI TIŻRA' TAĦSAD

4 DEHRA ĠDIDA LIT-TOROQ INTERNI TAL-BIĊĊERIJA

5 FOND ANIMAL WELFARE \ KTIEB MILL-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU

6 SENA REKORD GĦALL-INBEJJED LOKALI

7 INIZJATTIVI ĠODDA SABIEX IL-PITKALIJA TIMXI MAŻ-ŻMINIJIET

8 ASPETTI UNIĊI TAS-SETTUR TAL-MAJJAL TA' MALTA

10 INAWGURATA ŻONA TA' ĦATT GĦAS-SAJJIEDA XLUKKAJRI

11 AKTAR PASSI 'L QUDDIEM GĦALL-MARKA TA' KWALITA'

12 RAZEZ DOMESTIĊI MALTIN





13 RIĊETTI BIL-MAJJAL TA' MALTA

14 KUL ĦUT FRISK ANALIŻI TA' KAMPANJA SUĊĊESS

15 600 DELEGAT TAL-ICCAT

16 IN-NAĦLA MALTIJA

18 XOGĦOL FIL-ĦARIFA

20 KIF TAGĦŻEL IL-KELB

21 L-IMĦABBA LEJN L-ANNIMALI

22 REGOLAMENTI ĠODDA FIS-SEĦĦ

23 GĦERF IL-POPLU




# DAK LI TIŻRA' TAĦSAD



**RODERICK GALDES**
Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Il-Malti jgħid li dak li tiżra' taħsad, u l-bdiewa tagħna dan il-qawl jafuh litteralment!

Pero` ftaħt din l-edizzjoni ta' Nisġet Artna b'dan il-messaġġ għax japplika għal dawn it-tliet xhur li ġejjin, għaliex wara ħafna ħidma li saret fix-xhur li għaddew se mmissu b'idejna dak li żrajna qabel.

Fost il-frott li se naħsdu, se nsibu l-ewwel Politika Agrikola Nazzjonali, l-ewwel waħda tax-xorta tagħha f'Malta. Dan qed isir wara diversi konsultazzjonijiet li qed ikomplu jsiru wkoll f'dawn il-ġimgħat ma' dawk kollha involuti sabiex ikollna politika ħolistika li tagħti direzzjoni ċara ta' kif is-settur agrikolu jista jimxi 'l quddiem.

Se naħsdu l-frott tal-Fond tal-"Animal Welfare", proġett ieħor tant mistenni li se jgħin finanzjarjament proġetti sottomessi minn diversi għaqdiet u santwarji tal-annimali.

> **"Fost il-frott li se naħsdu, se nsibu l-ewwel Politika Agrikola Nazzjonali"**

Bdejna naħsdu l-frott ta' infrastruttura ġdida għas-sajjieda, bħal "landing facility" ġdida fl-Imġarr u f'Marsaxlokk, u se nkomplu naħsdu l-frott fil-futur fuq il-proġett tal-moll tal-Veċċja f'San Pawl il-Baħar, li x-xogħol fuqu beda fl-aħħar jiem.

F'dawn it-tliet xhur li ġejjin se nifthu wkoll il-Pixkerija l-ġdida, proġett li ngħata spinta 'l quddiem fl-aħħar sentejn biex ma jibqax biss proġett ta' fuq il-karti iżda jsir realtà. Proġett ieħor illi se jtejjeb il-kwalità tal-prodott f'ambjent aktar sigur u nadif, kif jitolbu l-istandards Ewropej.

Dawn huma biss uħud mir-riżultati li se naraw fiż-żmien li ġej, u ma' dawn jingħaqdu riformi kontinwi li qed nagħmlu, fosthom fil-Pitkalija u fil-Biċċerija fost l-oħrajn. Dan kollu bl-għan li nkomplu mmexxu s-settur agrikolu, tas-sajd u tad-drittijiet tal-annimali 'l quddiem għall-ġid ta' kulħadd.

**IRRIKLAMA FUQ DAN IL-MAGAZIN**

**IKKUNTATTJANA FUQ**
**T: 2292 4110**
**E: nisgetartna.msdec@gov.mt**
**W: agriculture.gov.mt**





# DEHRA ĠDIDA LIT-TOROQ INTERNI TAL-BIĊĊERIJA

Fil-ġimgħat li għaddew, il-Biċċerija Pubblika ħadet dehra ġdida hekk kif tlesta x-xogħol fuq partijiet mit-toroq interni ta' din il-faċilità u tnediet il-faċilità għall-ħasil ta' trakkijiet. Dan ix-xogħol jifforma parti mill-programm estensiv ta' ristrutturar u rinovar bħala parti minn programm ħolistiku li għandu l-mira li fuq medda ta' snin, ibiddel il-biċċerija f'vetrina ta' kwalità tal-prodott Malti.

Ix-xogħlijiet li tlestew sa issa jinkludu wkoll il-bini ta' faċilitajiet ġodda għall-ħaddiema. Sa issa bdew jintużaw dawk tal-ħassiela waqt li dawk tal-biċċiera jinsabu fi stadju avvanzat. Sar ukoll xogħol fuq l-imqawel li fihom jintlaqgħu l-bhejjem għall-qatla, kemm dawk tal-bovini kif ukoll dawk għall-majjal, ngħaġ u mogħoż. Bħalissa għaddej ukoll xogħol fuq l-istrutturi interni tal-biċċerija.

Il-ħtieġa tal-bini mill-ġdid ta' parti mit-toroq interni żviluppat wara li nħattet parti mit-triq preċedenti bħala parti mill-proġett tal-pixkerija l-ġdida biswit il-Biċċerija Pubblika.

> **"Dan ix-xogħol jifforma parti mill-programm estensiv ta' ristrutturar u rinovar bħala parti minn programm ħolistiku...."**

Il-gvern biddel il-ħtieġa f'opportunità: hekk kif kien hemm it-triq maqlugħa, għaddew servizzi ġodda bħal "network" ġdid għad-drenaġġ, "network" ta' katusi biex jilqgħu l-ilma tax-xita minn fuq il-bjut tal-biċċerija, kif ukoll servizzi tal-elettriku u "data".

Barra minn dan, permezz ta' dan il-proġett li sewa madwar 200,000 ewro ngħatat dehra ġdida lill-parti tal-biċċerija fejn jidħlu t-trakkijiet bl-annimali għall-qatla u nbniet tinda ġdida bil-faċilitajiet neċessarji għall-ħasil ta' trakkijiet.

Ir-regolamenti Ewropej jobbligaw lill-biċċeriji fl-Unjoni Ewropea biex jipprovdu faċilitajiet għall-ħasil tat-trakkijiet użati mir-raħħala jew trasportaturi ta' annimali biex iġorru l-bhejjem għall-qatla mill-irziezet għall-biċċerija. Ir-regolament 853/2004 jistabbilixxi li f'kull biċċerija għandu jkun hemm "post separat bil-faċilitajiet meħtieġa għat-tindif, ħasil u diżinfettar tal-mezzi tat-trasport tal-bhejjem". Dan bil-għan li tkun żgurata l-benesseri tal-bhejjem li jkunu qed jiġu trasportati lejn il-biċċerija kif ukoll biex tkun minimizzata l-possibbiltà ta' tixrid ta' mard.

Bħala parti mill-proġett tal-pixkerija l-ġdida kienu nħattu l-faċilitajiet eżistenti. Minflok, il-gvern bena tinda ġdida li qed tiġi mgħammra b'faċilitajiet moderni li jippermettu l-ħasil u d-diżinfettar tat-trakkijiet li jidħlu fil-biċċerija.

Ir-raħħala li jżuru l-biċċerija jistħoqqilhom ambjent xieraq fejn iġibu l-bhejjem u fejn jaħslu t-trakkijiet tagħhom. Kien għalhekk illi bħala parti mill-bini mill-ġdid ta' parti mit-toroq interni tal-biċċerija tajna importanza lill-estetika minbarra l-utilità ta' dak li konna qed nibnu mill-ġdid. Dan l-element ta' "landscaping" ikompli jiżgura ambjent akkoljenti għar-raħħala, għall-impjegati kif ukoll għal dawk kollha li jżuru l-biċċerija.

# JITNIEDA L-FOND TAL- ANIMAL WELFARE

Wara l-wegħda li saret fil-manifest elettorali u fil-baġit tas-sena l-oħra, nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2015, is-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali nieda l-Fond tal-Animal Welfare sabiex tingħata l-għajnuna finanzjarja tant meħtieġa lill-organizzazzjonijiet volontarji li jaħdmu f'dan is-settur.

F'konferenza tal-aħbarijiet li saret fil-"Petting Farm" f'Ta' Qali, is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes qal illi l-fond għal din is-sena se jkun ta' 40,000 ewro, bl-organizzazzjonijiet li se jintlaqtu l-aktar minn din il-miżura jkunu s-santwarji tal-annimali, NGOs u gruppi oħra li joffru servizzi ta' għajnuna lill-annimali.

L-Onorevoli Galdes issokta jgħid illi l-għan prinċipali tal-fond huwa li jkun hemm titjib fil-mod kif l-annimali jiġu miżmuma u kkurati, kif ukoll biex ikompli jitkattar il-livell ta' kooperazzjoni tal-għaqdiet li jaħdmu f'dan il-qasam.

L-għajnuna finanzjarja se tkun imqassma fuq tliet kriterji prinċipali:
- it-titjib tal-faċilitajiet ta' santwarji u postijiet fejn jinżammu u jiġu kkurati l-annimali;
- spejjeż relatati ma' trattamenti veterinarji, mediċini, ikel u trasport;
- proġetti għat-tiswija tal-klieb u qtates tat-triq.

Biex tiġi assigurata t-trasparenza tal-allokazzjoni tal-fondi lil min verament għandu l-aktar bżonn, il-fond se jitħaddem minn kumitat li twaqqaf apposta. Dan il-kumitat jinkludi rappreżentanti tal-Gvern, iċ-ċermen tal-Kunsill tal-"Animal Welfare", u rappreżentant tal-Kunsill Malti responsabbli mis-settur tal-Organizazzjonijiet Volontarji.

**" ... sabiex tingħata l-għajnuna finanzjarja tant meħtiega lill-organizzazzjonijiet volontarji li jaħdmu f'dan is-settur."**



# L-IMĦABBA LEJN L-ANNIMALI SA MINN ETA' ĊKEJKNA





Ktieb ġdid, maħsub għall-istudenti fi skejjel primarji, ġie ppublikat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. L-għan huwa li joħloq aktar għarfien fuq d-drittijiet tal-annimali minn eta' żgħira.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Ħarsien tal-Annimali, l-Onorevoli Roderick Galdes indirizza ċerimonja f'Ħal Luqa fejn semma' din l-inizjattiva u qal li l-viżjoni tal-gvern f'dan il-qasam hija li jkompli jiżdied l-għarfien fuq id-drittijiet tal-annimali. Irrimarka xewqa għal avvanz proattiv permezz ta' inizjattivi edukattivi regolari.

Il-Kummissarju għall-Trattament Xieraq tal-Annimali, Emanuel Buhagiar, l-awtur ta' dan il-ktieb, qal li kien ilu jinnota li ċertu informazzjoni lejn l-istudenti kienet nieqsa jew ma kinitx faċilment aċċessibbli. Qal ukoll li jittama li din il-pubblikazzjoni tindirizza dan in-nuqqas.

Dan il-ktieb miktub bil-Malti ser ikun qed jitqassam gradwalment fl-iskejjel primarji kollha waqt taħdita u preżentazzjoni mill-membri tal-Uffiċċju tal-Kummissarju.



# SENA REKORD GĦALL-INBEJJED LOKALI

Din is-sena kien staġun rekord għall-industrija tal-inbid minħabba li l-ammont tal-għeneb tal-bidwi ma laħħaqx mad-domanda tal-proċessuri.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes qal dan f'konferenza tal-aħbarijiet waqt it-tnedija tal-Festival tal-Inbid li sar għall-ħdax-il sena konsekuttiva f'Ħal Qormi.

Galdes irrimarka li s-sisa li ddaħħlet fuq l-inbejjed ma kellhiex effett negattiv fuq l-industrija, u parti mid-dħul minn din il-miżura tal-baġit, issa se jintuża biex issir kampanja ta' promozzjoni fuq il-kwalità tal-inbejjed lokali, kampanja li se ssir fuq bażi nazzjonali.

Is-Segretarju Parlamentari żied jgħid li huwa maħsub illi fil-gżejjer Maltin jiġu kkunsmati ftit aktar minn 14-il miljun flixkun inbid fis-sena, li ħames miljuni minnhom ikunu nbid lokali. Huwa qal li permezz ta' din il-kampanja promozzjonali se jikber l-għarfien dwar il-kwalità tal-inbid Malti.
mal-inbejjed impurtati f'termini ta' kwantità, b'sodisfazzjon innota li llum il-ġurnata tista' tħabbatha magħhom f'termini ta' kwalità.
lest illi jassisti għal festivals bħal dawn li jikkontribwixxu għall-kultura Maltija u jkabbru l-għarfien dwar l-inbid - prodott li flimkien mal-ħobż ilu mill-qedem assoċjat ma' Ħal Qormi.

> **"... se jikber l-għarfien dwar il-kwalità tal-inbid Malti."**








Ritratt: Michael Cassar

# INIZJATTIVI ĠODDA SABIEX IL-PITKALIJA TIMXI MAŻ-ŻMINIJIET

Il-Pitkalija hija ċentru ta' fejn il-bidwi Malti u Għawdxi jippreżenta l-prodott li jkun kabbar sabiex eventwalment jasal għand il-konsumatur. Qabel ma jasal għand il-konsumatur, il-prodott agrikolu jgħaddi f'idejn il-pitkal, imbagħad il-pitkal jagħmel irkant sabiex ibiegħ il-prodott lix-xerrejja bl-aħjar prezz possibbli. Min-naħa tiegħu, ix-xerrej iwassal il-prodott għand il-konsumatur.

Fl-antik kien hemm numru ta' pitkaliji żgħar imxerrdin ma' diversi bliet u rħula; maż-żmien inħass il-bżonn li dawn il-pitkaliji jingħaqdu f'ċentru wieħed. Dan kien possibbli wkoll minħabba l-fatt li żdiedu l-vetturi, u b'hekk ix-xerrejja u l-bdiewa setgħu jivvjaġġaw mill-belt jew raħal tagħhom b'iktar faċilità. Illum hemm 16-il pitkal joperaw fil-Pitkalija f'Ta' Qali, kif ukoll hemm tliet pitkala oħra li jagħmlu parti mill-koperattiva FCCS. Il-ġranet prinċipali tal-operat huma t-Tnejn u l-Ħamis. F'dawn il-jiem jidħlu fil-Pitkalija 'l fuq minn elf bidwi, madwar 800 xerrej u xi 300 mara/raġel tad-dar.

Fil-Pitkalija jinbiegħ kull tip ta' prodott agrikolu li jitkabbar f'Malta, bħal tadam, zunnarija, basal u ħafna oħrajn, naturalment skont l-istaġun. Fis-sajf l-ammont ta' prodott li jidħol fil-Pitkalija jiżdied mhux ftit minħabba l-frott tas-sajf bħall-bettieħ, dulliegħ, ħawħ u prodotti oħra li bis-sħana tax-xemx u l-pożizzjoni ġeografika ta' Malta jiżviluppaw togħma tant tajba u ħelwa. Minħabba din iż-żieda fil-prodott , meta jibda joqrob is-sajf dejjem tiżdied id-domanda għall-kaxxi l-ħodor. Kull min imur jixtri huwa familjari ma' dawn il-kaxxi. Dawn il-kaxxi jinġiebu l-Pitkalija mingħand ix-xerrejja, jitnaddfu mill-ħaddiema tal-Pitkalija u jinġabru mill-bdiewa li mbagħad jeħduhom lura fl-għelieqi tagħhom sabiex jerġa' jibda ċiklu tal-bejgħ. Fl-istaġun tas-sajf, il-bdiewa jkollhom bżonn numru ta' kaxxi li jkun aktar mis-soltu. Fil-fatt, jinzertaw ġranet, fejn fis-sezzjoni tal-ħasil tal-kaxxi jkun hemm domanda għolja għall-kaxxi aktar mill-provista li jkun hemm, u b'hekk jinħoloq inkonvenjent għall-bdiewa. Minħabba f'hekk, kultant żmien jinħareġ "tender" sabiex jinxtraw kaxxi ġodda. Din is-sena diġà nxtraw mal-25,000 kaxxa ġdida sabiex il-bidwi jkun moqdi aħjar.

Din is-sena saru xi tibdiliet importanti fil-Pitkalija, bl-akbar waħda fosthom kienet dik tas-sistema bankarja. Il-kuntratt bejn l-MSDEC u l-APS, il-bank li kien jieħu ħsieb it-transazzjonijiet finanzjarji ta' bejn il-bdiewa, il-pitkala u x-xerrejja wasal fi tmiemu. Intlaħaq ftehim ġdid mal-APS, li bih fost l-oħrajn, ix-xerrejja bdew iħallsu lill-pitkala direttament u l-pitkala jridu jiddepożitaw dawn il-flus fil-kont bankarju tal-Pitkalija. Imbagħad l-amminstrazzjoni tal-Pitkalija tieħu ħsieb tqassam dawn il-flus lill-bdiewa. Il-Pitkala ġew mitluba jagħmlu garanzija bankarja li tkopri bejn wieħed u ieħor it-transazzjonijiet ta' xahar biex b'hekk jiġri x'jiġri, il-bidwi jkun ċert li dejjem se jitħallas tax-xogħol tiegħu.

Qed isir ukoll ix-xogħol għall-proġett tar-riforma tal-Pitkalija; bħalissa għaddej ix-xogħol fuq il-proġett pilota. Fost it-tibdiliet li se jiġu fis-seħħ hemm il-"grading" u l-"packaging" tal-prodott lokali. Permezz ta' dan, il-konsumatur se jkollu varjetà akbar minfejn jagħżel peress illi ċerti prodotti se jkunu mqassmin skont id-daqs u l-kwalità. Fl-istess ħin, il-prodott agrikolu lokali se joffri iktar kompetizzjoni għall-prodott agrikolu impurtat.

Element ieħor tar-riforma huwa l-introduzzjoni tal-kaxxi biċ-ċippa sabiex permezz tas-sistema tal-informatika, inkunu nafu fejn jinsabu. Eventwalment, dawn se jibdew jintużaw minflok il-kaxxi l-ħodor. Dan ser ikun ta' vantaġġ għall-bidwi għaliex b'hekk dan ikun jaf minnufih għand min inbiegħet il-kaxxa bil-prodott tiegħu kif ukoll b'liema prezz sar il-bejgħ. Din iċ-ċippa ser tgħin biex jitnaqqas ċertu abbuż li jsir fl-użu tal-kaxxi minħabba l-fatt li meta l-kaxxa ma tkunx qed tintuża għall-prodott agrikolu lokali, kif stipulat mil-liġi, jistgħu jittieħdu l-passi neċessarji.

Il-Pitkalija hija parti importanti mit-tradizzjoni ta' Malta, pero` qiegħda timxi maż-żminijiet. Bix-xogħol kollu li qed isir fil-Pitkalija, il-prodott agrikolu Malti u Għawdxi qed jiġi mogħti l-valur li ħaqqu.

# ASPETTI UNIĊI TAS-SETTUR TAL-MAJJAL TA' MALTA

Dr. Oliver Frendo

**Irziezet żgħar u Kkontrollati**

Malta hija wieħed mill-ftit pajjiżi fid-dinja fejn l-irziezet żgħar tal-ħnieżer li jitmexxew mill-familji huma miżmuma bl-ogħla livelli ta' iġjene fl-ikel kif ukoll fil-harsien tal-annimali.

Il-parti l-kbira tal-pajjiżi Ewropej, illum huma dominati minn irziezet kbar, b'mijiet jew eluf ta' majjali f'kull razzett, fejn is-sidien huma kumpaniji kbar u l-mexxejja huma impjegati. Hemm eluf minn dawn l-irziezet u jsiru spezzjonijiet fuq persentaġġ żgħir biss minnhom.

Fuq in-naħa l-oħra hemm l-irziezet iżgħar li għadhom jeżistu f'ċerti pajjiżi, li daqskemm hemm minnhom, u daqs kemm huma mwarrbin, li ġeneralment ma jsirux spezzjonijiet fuqhom. Ħafna minnhom huma ikbar minn razzett medju Malti, iżda jistgħu jgħaddu snin mingħajr ma jsirulhom kontrolli.

Imbagħad insibu lil Malta. B'merħla ta' inqas minn erbat elef majjal maqsum fuq mitt razzett, ir-razzett tal-majjal medju ta' Malta jżomm erbgħin majjal biss. Minħabba ċ-ċokon ta' Malta u minħabba li għandna biss mitt razzett, il-mitt razzett huma kkontrollati ta' spiss mid-diversi awtoritajiet konċernati, u kull razzett jinżamm għal-livelli għoljin dettati mil-liġijiet Ewropej. Dan kollu jirriżulta fi prodott b'livell għoli ta' kwalità u sigurezza tal-ikel.




> **"Is-sigriet għas-sigurtà fl-ikel hija katina ta' provista osservata u kkontrollata."**

**Katina żgħira u Kkontrollata - Traċċabilità u Kontabilità**

Is-sigriet għas-sigurtà fl-ikel hija katina ta' provista osservata u kkontrollata. Kull ħolqa fil-katina trid tkun magħrufa u spezzjonata ta' spiss: miċ-ċereali li jintużaw fil-ġwież tal-bhejjem, sal-ħanut minfejn jinbiegħ il-prodott lill-konsumatur.

Il-katina tal-Majjal ta' Malta tikkonsisti minn "grain terminal" wieħed minfejn jidħlu ċ-ċereali biex jitqassmu lill-erba' 'feed mills' liċenzjati. Il-ġwież jitqassam bejn il-mitt razzett li kollha joqtlu l-ħnieżer tagħhom f'żewġ biċċeriji. Minn hemm, il-majjal jinġabar minn sitt proċessuri u madwar tnax-il distributur, u jiġi proċessat f'inqas minn għoxrin impjant jew jitwassal direttament lill-postijiet minfejn jinbiegħ lill-konsumatur.

F'Malta u Għawdex flimkien jinqatlu madwar mija u ħamsin ħanżir kuljum, li kważi kollha jkunu trabbew sal-aħħar fir-razzett fejn twieldu. Dawn il-ħnieżer jgħaddu minn tliet pari jdejn jew inqas bejn it-twelid u l-bejgħ tal-prodotti finali. Jibqgħu dejjem fl-istess pajjiż.

Minħabba dan kollu, it-traċċabilità hija relattivament sempliċi, u kull min huwa involut jinżamm responsabbli għall-kwalità u s-sigurtà tal-prodott tiegħu.

L-istess ma jistax jingħad għall-pajjiżi bħall-Ġermanja, pajjiż li fih jinqatlu iktar minn mija u sittin elf ħanżir kuljum, minn iktar minn sebgħin elf razzett f'iktar minn mitejn u ħamsin biċċerija, u fejn ħnieżer jistgħu jibdlu l-idejn u anke l-pajjiż sa tliet darbiet qabel il-qatla, u kemm-il darba wara. Din tagħmilha ħafna iktar diffiċli biex jinżamm rekord ta' minfejn ġejjin il-ħnieżer, u b'hekk tkun iktar diffiċli li tiżgura li ġejjin minn razzett liċenzjat u legali.

Biex napprezzaw l-importanza tat-traċċabilità, irridu naraw eżempju ta' fejn dan intilef. Każ riċenti sar fl-2013, meta sar magħruf illi fl-Irlanda u fl-Ingilterra, ċertu laħam taż-żwiemel kien qiegħed jitħallat maċ-ċanga. M'hemm xejn ħażin li jittiekel il-laħam taż-żiemel sakemm min jieklu jkun qed jagħżel li jagħmel dan u sakemm iż-żiemel ikun imrobbi, maqtul, maħżun, trasportat u pproċessat sew.

MAJJAL TA' MALTA

**Implikazzjonijiet Ekonomiċi**

L-implikazzjonijiet ekonomiċi tal-irziezet żgħar huma konsiderevoli meta mqabbla mad-dħul iġġenerat mill-biedja mifruxa b'mod aktar wiesgħa. Waqt li d-dħul minn erbat elef majjal f'razzett normi jgħaddi kollu fil-but ta' kumpanija waħda, l-erbat elef majjal ta' Malta jsostnu mijiet ta' familji Maltin.

**Il-ħarsien tal-Annimali**

Malta hija wieħed minn tliet pajjiżi biss fl-Ewropa fejn il-ħnieżer ma jiġux imsewwija kirurġikament bħala prattika 'standard'. Sakemm ma jkunx hemm domanda speċifika mis-suq, dan l-intervent li jsir fuq iktar minn disgħin fil-mija tal-ħnieżer li jitwieldu fl-Unjoni Ewropea jiġi evitat illi jseħħ f'Malta. Din il-prattika llum qiegħda tiġi rikonoxxuta bħala titjib fil-ħarsien tal-annimali, u l-Ewropa kollha, fis-snin illi ġejjin se tkun qiegħda tipprova taddotta l-prattika li qed taddotta Malta.

Popolazzjonijiet żgħar fl-irziezet iħallu li tingħata iktar attenzjoni lejn bhejjem individwali. Pereżempju l-maġġoranza tar-raħħala Maltin għandhom iċ-ċans u l-ispazju li jisseparaw ħanżir li qiegħed jiġi attakkat minn ħanżir jew ħnieżer oħrajn. Fil-parti l-kbira ta' rziezet kbar, din il-ħaġa tkun loġistikament impossibbli, anke jekk il-problema tiġi nnutata.

Għalkemm Malta hija żgħira u l-irziezet Maltin ukoll, l-ispazju pprovdut għal kull ħanżir f'Malta huwa ġeneralment aktar minn dak mitlub mil-liġijiet Ewropej. Raħħal Malti b'mitt ħanżir tas-simna fir-razzett jista' joffri għaxra fil-mija iktar spazju minn dak mitlub mil-liġi billi jkollu sitt metri kwadri żejda fil-qtajja' tiegħu. Razzett kbir b'elf ħanżir tas-simna, mitqies bħala ta' daqs medju f'ċerti reġjuni, iżda ħafna ikbar mill-akbar razzett Malti, ikollu bżonn sittin metru kwadru ta' qtajja' żejda biex jipprovdi l-istess għaxra fil-mija ta' spazju. Aħseb u ara x'għandha bżonn kumpanija li trabbi għaxart elef ħanżir tas-simna!

**Iffukar fuq Kwalità u Ġibda tal-Konsumaturi**

Ħafna mis-swieq tal-majjal Ewropew illum huma bbażati fuq kwantità, effiċjenza u prezz. Minħabba li ħafna mill-majjal imrobbi jintuża għall-ipproċessar jew esportazzjoni, kwalità għolja tal-prodott rarament tkun l-ewwel prijorità. Il-mira prinċipali hija li jirbħu l-prezz ta' ħaddieħor u b'hekk ikollhom prodott attrajenti għall-proċessuri jew bejjiegħa li jimbuttaw il-prodott fuq il-konsumatur biex jagħmlu ħafna qligħ.

Is-settur ta' Malta ġie stabbilit biex jipprovdi ammonti relattivament żgħar ta' majjal lill-konsumaturi lokali, u jiddependi fuq il-ġibda mill-konsumatur. Il-kwalità tal-prodott trid tkun biżżejjed biex iġġiegħel lin-nies jitolbu l-istess prodott speċifikament u kontinwament. Din tagħti inċentiv lill-bejjiegħ li joffri dak il-prodott. Għalhekk, il-mira tal-produttur trid dejjem tkun il-kwalità għolja tal-prodott.

**Konklużjonijiet**

Dawk l-aspetti li huma uniċi għas-settur tal-Majjal ta' Malta jfissru li waqt li s-settur tagħna mhux l-akbar u l-prodott ma jistax ikun l-irħas, huwa fost l-aktar setturi kkontrollati u jipproduċi fost l-ogħla kwalità ta' majjal fl-Unjoni Ewropea. Għandu jkun sors ta' kburija għan-nazzjon tagħna, li fi gżira żgħira nistgħu nżommu settur agrikolu li jirbaħ lill-ikbar produtturi fid-dinja fil-kwalità, traċċabilità, sigurtà tal-ikel u l-ħarsien tal-annimali.

# IS-SUQ TAL-BDIEWA FIL-BIRGU JIBDA JARMA WKOLL NHAR TA' TLIETA

Wara taħdidiet u konsultazzjonijiet mal-Onorevoli Roderick Galdes, mal-Kunsill Lokali tal-Birgu u mal-parteċipanti tas-Suq tal-Bdiewa tal-Birgu, ġie deċiż illi s-Suq tal-Bdiewa f'dan il-lokal se jibda jarma wkoll nhar ta' Tlieta.

B'hekk dan is-suq se jibda jarma kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Sibt mis-7:00am sa 12:00pm, li huma l-istess dati u ħinijiet li jkun miftuħ is-Suq tal-Bdiewa ta' Ta' Qali.

... Is-Suq tal-Birgu jarma fil-grawnd magħruf bħala "Tal-Fortini"

Is-Suq tal-Birgu jarma fil-grawnd magħruf bħala "Tal-Fortini".



Fis-Suq tal-Bdiewa, kemm tal-Birgu kif ukoll f'Ta' Qali, issib l-aktar prodotti lokali friski u tajbin, bi prezzijiet aktar raġonevoli.




# INAWGURATA ŻONA TA' ĦATT GĦAS-SAJJIEDA XLUKKAJRI

Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Presidenza 2017 u l-Fondi Ewropej Ian Borg, inawguraw il-proġett ta' żona ta' ħatt (landing facility) għas-sajjieda f'Marsaxlokk. Ix-xogħol fuq dan il-proġett, li kien ilu mwiegħed lis-sajjieda diversi snin, inbeda f'April li għadda u tlesta fl-aħħar jiem. Dan il-proġett jinkludi estensjoni tal-moll f'Xatt is-Sajjieda u se jibda jintuża bħala moll għall-ħatt tal-ħut minn bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-Ponta tal-Qrejten.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes qal illi huwa maħsub li aktar minn 300 sajjied Xlukkajr se jgawdu minn dan il-proġett kofinanzjat mill-Fondi Ewropej tas-Sajd 2007-2013 proġett li sewa nofs miljun ewro u qed joħloq spazju għal ħames bastimenti tas-sajd biex jorbtu mal-moll eżistenti.
Galdes żied jgħid li dan il-proġett jifforma parti mill-miżura li għandha l-għan li ttejjeb il-portijiet tas-sajd eżistenti biex jintlaħqu l-istandards u jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Saħaq li b'dawn il-proġetti, il-Gvern Malti qed jagħti faċilitajiet aħjar u kif jixirqilhom is-sajjieda tagħna.


Landing facility f'Marsaxlokk

Min-naħa tiegħu, is-Segretarju Parlamentari Ian Borg qal illi bħalissa jinsabu fil-fażi preparatorja tal-programm għall-Iżvilupp Rurali l-Ġdid u għaddejjin ukoll b'diskussjonijiet mal-Ministeru kkonċernat bil-għan illi lejn l-aħħar ta' din is-sena jibdew jinħarġu l-ewwel sejħiet.

**Tal-Veċċja u xogħlijiet oħra**

Waqt il-konferenza, is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes ħabbar ukoll li f'dawn il-jiem inbeda l-proġett tant mixtieq fuq Tal-Veċċja f'San Pawl il-Baħar; proġett ta' madwar miljun ewro.

**"aktar minn 300 sajjied Xlukkajr se jgawdu minn dan il-proġett "**

Qal illi sfortunatament, dan il-moll daqstant importanti għas-sajjieda tal-inħawi iddeterjora matul iż-żmien u tħalla fi stat ta' abbandun għal għexieren ta' snin.
Galdes ta rendikont ta' xogħlijiet infrastrutturali oħra li qed isiru biex ikun hemm qabża ta' kwalità fl-infrastruttura tas-sajd, fosthom intervent fuq l-iskall ta' Wied il-Għajn u t-tlestija ta' "landing facility" oħra fl-Imġarr, Għawdex.

Fil-ġranet li ġejjin għandhom jibdew ix-xogħlijiet fuq żona ta' ħatt fil-Marsa u oħra f'San Pawl il-Baħar. Għall-bidu ta' Ottubru huwa mistenni li jibda jitranġa wkoll l-iskall tax-Xemxija.



# AKTAR PASSI 'L QUDDIEM GĦALL-MARKA TA' KWALITÀ

Marco Dimech

F'pajjiżna għandna produtturi li jipproduċu prodotti ta' kwalità, iżda bis-sistemi preżenti huwa diffiċli li wieħed ikollu l-prodott tiegħu identifikat minn prodotti ta' kwalità inferjuri. Huwa għalhekk li matul din l-aħħar sena saret ħidma kontinwa biex jiġi stabbilit reġim ta' kwalità li jippremja lil dawk il-produtturi li jipproduċu prodotti ta' kwalità. Għalhekk, f'dawn l-aħħar xhur ġie stabbilit il-qafas legali u amministrattiv ta' dan ir-reġim u fix-xhur li ġejjin se nibdew nikkomunikaw kif ir-reġim ta' kwalità se jkun qed jiġi implimentat.

Naħseb illi lkoll nifhmu kemm huwa importanti li r-reġim ta' kwalità jkollu struttura legali li tagħti l-possibbiltà lil kull min jipproduċi prodotti bi kwalitajiet superjuri li jkunu jistgħu jiġu ċċertifikati kif ukoll identifikati minn prodotti oħra.

Din l-inizjattiva tassigura li l-prodott jilħaq dawk il-kriterji li jagħmluh superjuri minn prodotti oħrajn. Sabiex dan ikun possibbli hemm bżonn li jkunu mnedhija mekkaniżmi u strutturi li jassiguraw li l-prodotti bil-Marka ta' Kwalità jkunu kkontrollati.

Huwa għalhekk li l-ewwel pass illi ttieħed kien dak li jassigura li l-Marka ta' Kwalità tkun stabbilita permezz ta' abbozz leġislattiv. Dan kien pass importanti sabiex jiġi żgurat li l-marka ta' kwalità hija mħarsa mill-għodda legali meħtieġa. Għalhekk, f'Diċembru 2014 tvarat il-liġi li tistabilixxi l-iskema li twassal għall-użu tal-Marka ta' Kwalità.

Il-pass li kien imiss kien li l-Awtorità tal-Konsumatur u Kompetizzjoni - MCCAA – taħdem mad-Direttorat tal-Agrikoltura biex jiġi stabbilit proċess li jassigura trasparenza ta' ċertifikazzjoni sabiex il-konsumatur ikun jista' jassigura ruħu li qed jieħu l-aħjar. Dan il-qafas legali sar fi proċess ta' konsultazzjoni mal-awtorità responsabbli mill-pjan tal-iżvilupp rurali sabiex il-proċess u l-marka ta' kwalità jkunu jistgħu jibbenefikaw minn fondi Ewropej.

Bħalissa, ir-reġim ta' kwalità qiegħed fl-aħħar fażi tiegħu, u għalhekk fix-xhur li ġejjin se nkunu qed norganizzaw sensiela ta' laqgħat mas-setturi varji tal-agrikoltura sabiex nispjegaw kif dan ir-reġim ta' kwalità se jkun qiegħed jopera.



**"... l-inizjattiva tassigura li l-prodott jilħaq kriterji li jagħmluh superjuri minn prodotti oħrajn ..."**

# RAZEZ DOMESTIĊI MALTIN



Ħamiema Maltija Raġel



Ħamiema Maltija Mara

# IL-ĦAMIEM TAL-OĦXON TA' MALTA

Arnold u Jeffrey Sciberras

Meta niddiskutu dwar annimali u pjanti Maltin, l-ewwel li jiġu f'moħħna huma dawk l-ispeċi selvaġġi, jew endemiċi bħal Widnet il-Baħar u l-Gremxula ta' Malta. Filwaqt illi dawn huma ta' importanza kbira u rridu nagħtuhom iċ-ċans u l-ispazju naturali tagħhom biex ikomplu joktru, din is-serje ta' artikli se tiffoka fuq l-annimali u l-pjanti domestiċi li evolvew taħt l-għażliet artifiċjali tal-Maltin u l-ambjent li trawmu fih. Dawn il-ħlejjaq jiddependu esklussivament mill-bniedem biex jitkattru, u huwa l-obbligu tagħna li nħarsu dan il-patrimonju Malti. Ftit snin ilu, l-awturi għaqqdu inizjattiva msejħa 'Columbatopia', li xogħolha huwa li tiġbor u tiddokumenta informazzjoni fuq dawn it-tip ta' razez ta' oriġini Maltija.

L-ewwel razza li se niddiskutu hija l-Ħamiem tal-Oħxon ta` Malta. Din hija razza Maltija ta' ħamiem li kienet komuni fi gżiritna fil-passat. Kienet imkabbra għall-konsum tal-bċieċen, bħal diversi razez oħra tal-ħamiem tal-oħxon li kollettivament jissejħu 'runts' bl-Ingliż, imma ta' Malta kien jintuża partikolarment għar-rix, biex jimlew l-imħaded u s-saqqijiet. Li jagħmel din ir-razza distinta minn razez oħra huwa l-lewn kannella skur - mhux ħamrani - u d-disinn tar-rix tagħha, ġeneralment iktar baqri minn razez oħra. Barra minn hekk, il-ħamiema fiha iktar rix milli laħam. Ir-raġel ta' din ir-razza jkollu l-gangala meta jixjieħ.

> "IL-Ħamiem tal-Oħxon ta' Malta kien jintuża partikolarment għar-rix, biex jimlew l-imħaded u s-saqqijiet."

Skont dawn il-karatteristiċi morfoloġiċi, il-popolazzjoni Maltija tista' tiġi kkunsidrata bħala razza endemika għall-gżejjer Maltin. Minkejja dan, l-oriġini ta' din ir-razza mhumiex ikkonfermati. Il-probabbiltà hija li ttieħdet minn taħlita mhux mistennija bejn razza Spanjola, razza minn Sqallija u ħamiem selvaġġ Malti, illi biż-żmien evolviet b'mod speċifiku fil-gżejjer tagħna. Din ir-razza bdiet tonqos fl-aħħar snin minħabba biedja ħielsa (free range farming) u kważi sparixxiet minħabba li l-irziezet privati naqsu. Fi snin riċenti, ġew importati razez oħra ta` ħamiem tal-oħxon li saru aktar effiċjenti u prolifiċi, u ħadu post is-suq li kellu l-ħamiem tal-oħxon ta' Malta. L-awtur preżenti qiegħed jistudja din ir-razza unika, u permezz ta' tfittxija biex jinkisbu xi kampjuni, bil-ftit li ġew salvati, ġiet evitata l-estinzjoni ta' din ir-razza. Studju xjentifiku fuq din u razez oħra ta' ħamiem lokali qiegħed fil-proċess li jiġi ppubblikat.

**Għal aktar informazzjoni nħeġġiġkom iżżuru https://www.facebook.com/Columbatopia.**

# RIĊETTI BIL-MAJJAL TA' MALTA

Lea Hogg

F'dawn l-aħħar għaxar snin, minn mindu dħalna fl-Unjoni Ewropea, is-settur tal-biedja sofra mill-kompetizzjoni tal-influss qawwi tal-prodotti barranin, imma l-prodotti tagħna huma prodotti ta' kwalità, il-katina ta' ikel hija trasparenti u nafu minfejn ġej dak kollu li qegħdin nieklu. Min-naħa ta' kwalità żgur li nistgħu nikkompetu mal-prodotti barranin u l-bidwi Malti għandu ċans kbir biex jibqa' jtejjeb il-kwalità ħalli l-prodotti Maltin ikunu jistgħu jibqgħu jikkompetu fis-suq, u lil dawk it-turisti li jiġu Malta, jekk ikunu jridu jduqu l-prodott lokali jkunu moqdijin b'servizz u prodotti mill-aqwa għal dak li jkunu qegħdin iħallsu għalih.

## PARAGUN TAL-LAĦAM TAL-MAJJAL

Ir-riċerka turi li l-proteina fil-forma tal-majjal, jista' jkollha rwol integrali sabiex issolvi l-problema tal-obeżità. Il-proteini huma essenzjali għad-dieta tagħna għax iżidu s-sensazzjoni li nħossuna sodisfatti meta nieklu u jippreserva l-muskoli ta' ġisimna.

Pereżempju l-filett tal-majjal fih anqas minn ħames grammi ta' xaħam, żewġ grammi xaħam saturat u 95 milligramma kolesterol li jagħmlu kontenut ta' dgħif simili bħas-sider tat-tiġieġa bla ġilda!


Ritratt meħudin minn Ian Noel Pace

### GĦONQ TAL-MAJJAL IL-FORN

- Għonq ta' majjal bl-għadma
- 2 basliet
- 2 zunnariji
- 4 sinniet tewm kbar
- Taħlita ta' ħwawar friski. (Jien użajt is-salvja u l-klin. Jekk ma jogħġbukx ħallihom barra u uża dak li jogħġbok)
- 2 werqiet rand
- 100 ml Kallo Organiku naturali mitħun u mħallat ma' dada tal-istokk
- minn erba' sa sitt patatiet bil-qoxra mqattgħa, bużbież u żejt taż-żebbuġa
- melħ u bżar
- tursin
- il-meraq ta' lumija u qoxra maħkuka
- kosbor

Ogħrok il-majjal bil-meraq tal-lumi u ż-żejt taż-żebbuġa.

Ferrex il-kosbor fuq il-majjal. Fuq il-wiċċ tal-laħam ferrex it-tursin u l-qoxra tal-lumi kif ukoll ftit melħ u bżar.

Poġġi fil-friġġ għal ftit sigħat jew għal matul il-lejl.

Iksi dixx tal-ħami kbir bit-"tin foil". Dellek biż-żejt taż-żebbuġa. Qatta' l-ħxejjex u żid il-ħwawar friski, mgħarfa żejt taż-żebbuġa, il-bużbież u ftit melħ u bżar mitħun frisk.

Poġġi fuq id-dixx tal-forn.

Oħroġ il-majjal mill-friġġ u poġġih fuq il-ħxejjex u l-ħwawar.

Iksi bit-"tin foil" u aħmi bil-mod ġo forn b'nar bati għal 159°C għal erba' sigħat u nofs. Ikxef il-laħam, għolli n-nar għal 220°C u sajjar għal nofs siegħa oħra. Ħalli l-majjal jistrieħ qabel ma sservih. Servi bil-patata l-forn u ħxejjex oħra.


Ritratt meħudin minn Ian Noel Pace

### CHILI TAL-MAJJAL

- 75gramma bejken imqatta' fin
- 500 gramma kapuljat tal-majjal
- mgħarfa żejt,
- basla bajda kbira, imqattgħa
- 1 jew 2 bżariet ħomor jaħarqu, imqattgħin fin
- 4 sinniet tewm kbar, maħkukin
- kuċċarina oregano niexef
- mgħarfa trab taċ-chili
- niskata trab tal-kemmun
- kuċċarina trab tal-kosbor
- Dada stokk naturali
- 2 kuċċarini trab tal-espresso (instant)
- 500ml tadam tal-bott
- 500 gramma fażola bajda (canellini)
- tazza nbid abjad
- mgħarfa kunserva

Aqli l-basla u t-tewm u żid il-ħwawar kollha. Ħawwad u wara żid il-bejken. Ħallih isir għal xi tliet minuti. Ħawwad u żid il-laħam. Ibqa' ħawwad sakemm isir. Itfa' l-ingredjenti l-oħra. Baxxi n-nar u ħallih itektek minn 45 minuta sa siegħa.

Servi bit-tacos, ross, patata moħmija, qamħ bulgar jew insalata.

TISTGĦU ISSEGWU LIL LEA FUQ TVM2

***L-IKLA T-TAJBA***



# KUL ĦUT FRISK
## ANALIŻI TA' KAMPANJA SUĊĊESS

Fl-aħħar tax-xahar li għadda spiċċat il-kampanja intensiva "Kul ħut Frisk". Minkejja li Malta hija mdawra bil-baħar, il-Maltin huma fost l-inqas konsumaturi ta' ħut fl-Unjoni Ewropea. Għalhekk l-għan ta' din il-kampanja kien illi titqajjem kuxjenza biex in-nies jieklu iktar ħut u jagħżlu ħut sostenibbli, filwaqt illi tingħata wkoll informazzjoni fuq is-settur tas-sajd.

Peress illi wieħed għandu jżomm l-interessi ambjentali fuq quddiem saret promozzjoni ta' speċi ta' ħut illi huma abbundanti u bla kwoti, pero` bħalissa mhumiex utilizzati u mixtrijin f'pajjiżna, allura tqajmet kuxjenza dwarhom. Il-ħut reklamat f'dan il-proġett kien is-sawrell, il-kavall, il-merluzz, l-aċċjol, l-awrat, l-ispnott u l-kaħli.



"Għalhekk l-għan ta' din il-kampanja kien li titqajjem kuxjenza biex in-nies jieklu ħut u jagħżlu ħut sostenibbli ..."

Bħala parti minn din il-kampanja kienu organizzati sitt fieri tal-ħut illi kellhom attendenza ta' mill-inqas elf persuna 'l waħda, u minbarra li kienet ħarġa għal ħafna familji, setgħu jindaqu bosta ħut sostenibbli, filwaqt illi l-viżitaturi kellhom l-opportunità li jitgħallmu iktar fuq is-settur u l-metodi tas-sajd u setgħu jmorru fuq vjaġġi informattivi bid-dgħajsa, vjaġġi li għenu lil min utilizzahom jifhem iktar mingħand is-sajjieda nfushom dwar is-settur tagħhom. Barra minn dan, ħallew lil min użahom jitgħaxxaq bil-veduti tal-kosta Maltija. Il-fieri saru f'Marsaxlokk, f'San Ġiljan, fis-Siġġiewi, f'Ħal Luqa, f'San Pawl il-Baħar, u fl-Imġarr Għawdex.
Saru wkoll lezzjonijiet tat-tisjir f'Malta u Għawdex li kienu miftuħin għall-pubbliku. L-għan ta' dawn il-lezzjonijiet kien sabiex iħajru lin-nies isajru l-ispeċi li bħalissa mhumiex ikunu utilizzati. Barra minn hekk ġew organizzati għaxar attivitajiet fi skejjel primarji u sekondarji, fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi u fl-Università ta' Malta, bil-għan illi t-tfal, minn età żgħira jibdew jieklu aktar ħut. F'dawn l-attivitajiet, minbarra li ġew mogħtijin "samples" lit-tfal sabiex iduquhom, saret reċta interattiva biex it-tfal jitgħallmu fuq is-sajd kif ukoll dwar il-ħut li kien promoss matul il-kampanja. Fl-attivitajiet kollha ngħataw bosta affarijiet bħal "USB drives", "spoonrests", logħob għat-tfal, posters, fuljetti dwar l-għan tal-proġett, kif ukoll fuljett tar-riċetti li tqassmu bil-Malti u anke bl-Ingliż.

Ingħataw ukoll lezzjonijiet tat-tisjir minn koki rinomati u kien hemm ukoll diskussjonijiet dwar l-importanza tas-sostenibilità tas-settur.

Ġew organizzati sittax-il "roadshow" f'postijiet varji f'Malta u Għawdex sabiex jinfurmaw u jedukaw lill-pubbliku fuq l-industrija tas-sajd u t-tisjir tal-ispeċi reklamati filwaqt illi saru wkoll sessjonijiet li ħeġġew lil min attenda biex iduq it-tjubija tal-ħut. Din il-kampanja ssoktat ukoll fil-festa tradizzjonali tal-Imnarja u l-Festa Agrarja tal-Buskett.

Dan il-proġett hu kkoffinanzjat mill-Fond tas-Sajd Ewropew "Ninvestu f'Sajd Sostenibbli" bir-rata ta' kofinzjament ta' 75% maħruġa mill-fondi Ewropej u 25% mill-fondi Nazzjonali.

# IMNEDIJA L-ATTIVITA' LEJL F'CASAL FORNARO



Id-disa' edizzjoni tal-attivita' kulturali 'Lejl f'Casal Fornaro' ġiet imnedija mis-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes u Stefan Buontempo.

L-Onorevoli Roderick Galdes faħħar din l-attivita' bħala waħda minn dawk li jsiru fuq livell nazzjonali li jippromovu l-identita' kulturali u l-prodotti Maltin, u għalhekk hi attivita' mfittxija mit-turisti u bosta Maltin. Hu fakkar kif l-ewwel għajnuniet biex isiru attivitajiet bħal dawn kienu ngħataw meta hu kien għadu Sindku ta' Ħal Qormi, bl-għan li titqajjem kuxjenza fuq l-istorja u l-potenzjal tal-lokalita'.

"Din id-disa' dizzjoni ta' Casal Fornaro tikkonferma kemm il-potenzjal kien kbir u li dawn l-għanijiet intlaħqu. Attivita' bħal din isservi ta' vetrina għall-kultura Qormija u l-mod kif kienu jgħixu missirijietna," sostna Galdes.

Min naħa tiegħu, is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Stefan Buontempo feraħ lill-organizzaturi talli fost mijiet ta' attivitajiet kulturali f'diversi pajjiżi Ewropej, din l-attivita' ġiet onorata mill-EFFE (Europe for Festivals, Festivals for Europe). Hu nnota b'sodisfazzjon li din l-attivita' li ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta'Ħal-Qormi, tinvolvi madwar 100 volontier minn għaqdiet lokali kif ukoll mis-settur privat.

# 600 DELEGAT JIĠU MALTA GĦALL-KONFERENZA DINJIJA DWAR IT-TONN

Bejn l-10 u s-17 ta' Novembru 2015 Malta se tospita l-24 laqgħa annwali tal-Kummissjoni Internazzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonn, jew kif inhi magħrufa fil-qasir, l-ICCAT.

Malta kienet magħżula biex tospita din il-laqgħa waqt il-laqgħa tas-sena l-oħra li kienet saret f'Genoa, l-Italja. Dan wara li pajjiżna għamel diversi tentattivi fil-passat biex jospita din il-konvenzjoni prestiġjuża.

Għal din il-konferenza se jattendu madwar 600 delegat minn madwar id-dinja u se ssir fil-lukanda Hilton, f'San Ġiljan, bil-preparamenti għal dan l-avveniment diġà jinsabu f'fażijiet avvanzati.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes qal li l-Gvern Malti jikkunsidra l-laqgħa tal-ICCAT bħala laqgħa importanti ħafna, minħabba l-fatt li Malta hija minn ta' quddiem fejn jidħol it-tkabbir tat-tonn, bl-industrija tiġġenera aktar minn mitt miljun ewro fis-sena.

> **"Malta hija minn ta' quddiem fejn jidħol it-tkabbir tat-tonn,"**

L-ICCAT hija responsabbli għall-konservazzjoni tat-tonn u speċi oħra fl-Oċean Atlantiku u fl-ibħra tal-madwar. Hija responsabbli biex tiġbor statistiċi li għandhom x'jaqsmu mas-settur tas-sajd mill-membri, kif ukoll minn entitajiet li jistadu għal dawn l-ispeċi fl-Oċean Atlantiku. Barra minn hekk, l-ICCAT torganizza studji f'isem il-membri tagħha, tipprovdi pariri xjentifiċi, kif ukoll tipproduċi diversi pubblikazzjonijiet.

# IN-NAĦLA MALTIJA

Marion Zammit Mangion

Ħafna jaqblu li n-naħal għandhom importanza kbira għall-agrikoltura minħabba li huma ta' importanza essenzjali fid-dakra tal-fjuri ta' ħafna pjanti u siġar, fosthom ħafna speċi ta' ħxejjex ortikulturali u siġar tal-frott. Wieħed jista' jsib ħafna razez ta' naħal li huma addattati għall-ambjent li jgħixu fih. F'Malta nsibu razza ta' naħla endemika għall-gżejjer Maltin, illi hija magħrufa bħala n-naħla Maltija jew bl-isem xjentifiku ta' "Apis mellifera ruttneri". Hija addattata sew għall-ambjent Malti, tiflaħ għas-sħana qawwija li jaf jagħmel is-sajf Malti, tiflaħ sew għan-nuqqas ta' ilma, kapaċi taħdem fix-xhur kesħin tax-xitwa, u kapaċi tirgħa fuq għadd ta' fjuri li ssib fil-kampanja tagħna. Ta' min isemmi wkoll illi din in-naħla, bħal naħal ieħor għandha wkoll il-kapaċità li tagħmel għasel ta' kwalità tajba.



Apis mellifera ruttneri (S. Sammut)

Fl-aħħar snin daħlet il-biża' li maż-żmien din in-naħla tista' tgħib għalkollox minn gżiritna, u li ħaditilha postha n-naħla Sqallija (Apis mellifera siciliana) u Taljana (Apis mellifera liguistica). Għalhekk, fl-2014 bdiet riċerka fl-Università ta' Malta minn Sheryl Sammut, Marion Zammit Mangion u David Mifsud, bl-iskop ewlieni li jiddeterminaw jekk din in-naħla Maltija kinitx għadha tinstab f'pajjiżna.

F'din ir-riċerka, ġew studjati l-karatteristiċi ta' 335 naħla minn kolonji differenti madwar Malta u Għawdex. Fost l-affarijiet studjati kien hemm id-daqs u l-forma tal-ġwienaħ, il-forma tal-ħalq, id-disinn tal-vini fuq il-ġwienaħ, id-daqs tas-saqajn u ż-żaqq, it-tul tax-xagħar ta' fuq daharhom, il-kulur ta' daharhom u l-mirja tax-xema' (wax mirrors) fost affarijiet oħra.

Dan ix-xogħol sar bil-kollaborazzjoni ta' riċerkaturi mill-Ġermanja li għenu bl-esperjenza tagħhom. L-istudju wera biċ-ċar illi n-naħla Maltija għadha teżisti u żammet il-karatteristiċi partikolari u differenti minn dawk tal-pajjiżi ġirien tagħna. L-aktar elementi differenti kienu d-daqs qasir tas-saqajn, ix-xagħar itwal fuq saqajhom, il-forma u d-daqs tal-ġwienaħ ferm iżgħar minn tan-naħal tal-Italja u ta' Sqallija, u l-forma tal-mirja tax-xema' fost l-oħrajn. L-istudju wera wkoll li kontra dak li qegħdin jaħsbu bosta nies, il-lewn skur mhuwiex bilfors karatteristika li n-naħla tkun Maltija. Fil-fatt, ħafna min-naħal studjat u li kien ġenetikament Taljan (liguistica), xorta waħda kien ta' lewn skur.




Stampa tad-disinn tal-vini fuq il-ġwienaħ (S. Sammut)

Sar xogħol ukoll fuq id-DNA tan-naħla Maltija. Dan id- DNA huwa dak il-materjal li jinsab f'kull ċellola ħajja u jikkontrolla ħafna fatturi, bħad-dehra tal-annimal jew pjanta. Bil-metodu li jissejjaħ "polymerase chain reaction" stajna naraw illi n-naħla Maltija, apparti minn xi differenzi żgħar għandha sekwenza ta' partijiet mid-DNA li jixbħu lin-naħla tal-Afrika ta' Fuq. Dawn ir-riżultati huma ta' valur sabiex jitfassal programm serju ta' konservazzjoni għan-naħla Maltija.

Sforz dan l-istudju, ir-riċerka fuq in-naħla Maltija se titkompla b'kollaborazzjoni ma' grupp ta' xjentisti mill-Ewropa fil-proġett "Smartbees". F'dan il-proġett, li se jieħu madwar ħames snin biex jitlesta, se jsir studju fid-dettall tal-ġenetika tan-naħal fl-Ewropa, inkluża l-"Apis mellifera ruttneri".

**Għal iktar informazzjoni tistgħu tikkuntattjaw fuq l-indirizz elettroniku: mzam1@um.edu.mt.**

**"Ta' min isemmi wkoll illi din in-naħla, bħal naħal ieħor għandha wkoll il-kapaċità li tagħmel għasel ta' kwalità tajba."**

# GĦAJNUNA GĦAL MIN IRABBI N-NAĦAL









It-trobbija tan-naħal huwa settur fl-agrikoltura li l-funzjonijiet prinċipali tiegħu huma l-attività ekonomika, l-iżvilupp rurali, il-produzzjoni tal-għasel u ta' prodotti oħrajn, u li jżommu l-bilanċ ekoloġiku.

Minħabba l-marda tal-Varroa li tinsab mifruxa f'diversi stati membri u l-problemi li ġġib magħha, l-Unjoni Ewropea ħasset li għandha tittieħed azzjoni, u peress li din il-marda ma tistax tinqered kompletament, iridu jiġu wżati ċerti prodotti approvati minnha.

Għal dan il-għan u biex jittejbu l-kundizzjonijiet għall-produzzjoni u s-suq ta' prodotti tal-Apikoltura qed jitnieda Programm Nazzjonali kull tliet snin, u permezz tiegħu qed jinġiebu fondi mill-Unjoni Ewropea li qed jintużaw biex tingħata għajnuna lil min irabbi n-naħal. L-Unjoni Ewropea tipprovdi 50% tal-fondi filwaqt li l-Gvern Malti joħroġ il-50% l-oħra tal-fondi allokati. Għal din is-sena l-għajnuna totali li se tingħata hija ta' 13,552 ewro.

## Min jista' japplika?

Kull min huwa rreġistrat mas-Sezzjoni tal-Apikoltura kif ukoll l-għaqdiet tan-naħal, koperattivi tal-bdiewa u organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu japplikaw għal dawn il-fondi.

## Il-Lista ta' Miżuri għal xiex jistgħu japplikaw huma dawn:

- Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal u l-għaqdiet ta' min irabbi.
- Kontroll tal-Varroa.
- Għajnuna għat-trasport tan-naħal.
- Għajnuna għal-laboratorji li jagħmlu analiżi tal-għasel.
- Għajnuna biex jinżamm in-numru ta' kolonji tan-naħal.
- Koperazzjoni ma' entitajiet speċjalizzati biex isir xogħol ta' riċerka fit-trobbija tan-naħal u l-prodotti tal-Apikoltura.

## Id-Dokumenti Neċessarji:

- Kopja tal-Karta tal-Identità.
- Fil-każ ta' miżuri 1, 3, 4 u 6, irċevuti fiskali jiġu aċċetatti bid-data sal-31 ta' Awwissu. Rigward miżura 6, ir-rapport tar-riċerka jrid ikun mehmuż mal-applikazzjoni.
- Fil-każ ta' Għaqda, Koperattiva jew Organizzazzjoni hija meħtieġa lista tal-membri tal-kumitat u kopja tal-Karta tal-Identitá tagħhom, l-Istatut iffirmat mill-President u s-Segretarju, programm dettaljat tal-attivitajiet u pjan finanzjarju.

## Applikazzjoni

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna jistgħu jinġabru u jimtlew mill-"Front Office" tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali li jinsab il-"Pitkali Markets", Ta' Qali, l/o Ħ'Attard u mill-Uffiċċju ta' Għawdex, mill-Farm Sperimentali tal-Gvern, Triq l-Imġarr, ix-Xewkija.

L-applikazzjonijiet jiġu aċċettati fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru.

L-applikazzjonijiet li jidħlu wara d-data tal-għeluq ma jiġux ikkunsidrati.



# XOGĦOL FIL-ĦARIFA

Carmelo Briffa

Il-Ħarifa magħna u l-ġurnata tibda turi sew li qsaret. Is-sigħat ta' xemx naqsu sewwa u dan is-sajf kellna ftit maltempati mhux ħażin ukoll. It-temperaturi qawwijin ta' matul is-sajf bdew niżlin, l-għarajjex feġġew u l-arja bdiet tiffriska.

**Tisqija** - Hu importanti li nkomplu nsaqqu s-siġar tagħna b'mod regolari. Dan jgħodd kemm għas-siġar tal-frott li minnhom diġà ġbarna l-frott u oħrajn li għad irridu naqtgħu, bħar-rummien, żebbuġ tal-mejda u ċ-ċitru. Ix-xita tista' tittardja, inkella taf tagħmel bil-qawwi u l-ilma jiġri fuq wiċċ ir-raba' u ma jinxtorobx, bir-riżultat li s-siġar tagħna xorta jibqgħu bil-għatx.

Il-pjanti ornamentali mħawla fl-art jew fil-qsari, fjuri u ħxejjex tal-borma jitolbu tisqija anqas spissa, iżda xorta b'mod regolari, ħlief għal meta tagħmel ix-xita.

Min għandu bjar u ġibjuni jaħseb biex jiknes u jnaddaf is-soqfa, jara li l-katusi mhumiex miżdudin, u li d-dorog u l-kanali huma nodfa. L-ilma tax-xita huwa l-aqwa ilma li wieħed jista' jsaqqi bih, għalhekk tajjeb li ma nħalluhx jintilef.

**Fertilizzazzjoni** - Tajjeb illi f'dan iż-żmien ngħinu lis-siġar, pjanti u ħxejjex tagħna bi ftit fertilizzant artifiċjali maħlul wara t-tisqija. Wara l-frott, is-siġar jeħtieġu li jtejbu r-riservi maħżuna ħalli b'hekk ikunu f'qagħda li jarmaw b'għejjun ġodda tal-frott is-sena ta' wara. Bl-istess mod, lis-siġar u pjanti oħra ornamentali nkunu qegħdin ngħinuhom jippreparaw għax-xhur tar-rebbiegħa.

Ma ninsewx ukoll li rridu nferrxu d-demel naturali u artifiċjali fl-għelieqi tagħna sal-14 ta' Ottubru, u dan skont ir-regolamenti tan-nitrati tal-Unjoni Ewropea. Id-demel illi nferrxu għandu jinħarat fil-ħamrija malajr biex xejn ma jintilef bir-raġġi tax-xemx.

**Xogħol bil-makkinarju** - Min ma għandux inġenji goffi jrid jistenna l-ewwel xita biex ikun jista' jaħdem il-ħamrija mingħajr tbatija. Tajjeb ukoll li nistennew xi ġranet sakemm naraw l-ewwel nebbiet tal-ħaxix ħażin qabel naħartu. B'hekk inkunu qegħdin nippreparaw ir-raba' għall-wiċċ li jmiss, li jista' jkun qasbija, silla, patata, basal, jew ħxejjex oħra tal-borma.

**Frott** - Fil-ħarifa jispiċċa kważi għalkollox il-frott tal-għadma u t-tin, u jidher frott ieħor bħal lanġas, tuffieħ, rummien, żinżel, sfarġel u ċitru. Wasal ukoll żmien il-qtugħ taż-żebbuġ. Kemm jekk għaż-żejt u kemm jekk għas-salmura, iż-żebbuġ għandu jinqata' nofs kulur, jiġifieri bejn aħdar u vjola skur. Għandna nibdew mill-varjetajiet bikrin u nkomplu b'oħrajn li jsajru aktar tard. Jekk għaż-żejt, iż-żebbuġ maqtugħ irid jitpoġġa f'kaxxi li minnhom tgħaddi l-arja, jinħażen fil-frisk, u mill-aktar fis jittieħed għall-għasir.

Frott bħall-pruna, tuffieħ u lanġas jista' jinqata' iebes malli jibda jibliek (jibdel il-kulur), naħżnuh ġewwa għall-frisk u niffrankaw li nbixxu kontra d-dubbiena.

**Kontroll tal-mard** - Hekk kif jaqleb it-temp u l-arja tiffriska, l-insetti jerġgħu jibdew jagħmlu xogħolhom. Għalhekk, il-frott li għad irid isir jew li qiegħed isir, irridu nbixxuh. Fil-kas taċ-ċitru rridu nbixxu kontra d-dubbiena tal-frott u d-dubbiena l-bajda, filwaqt illi fiż-żebbuġ irridu nbixxu kontra d-dubbiena taż-żebbuġ. Għandna nżidu dejjem "sticker" mal-bexx u noqogħdu attenti għaż-żmien li għandna nħallu qabel naqtgħu l-frott. Wara li niġbru ż-żebbuġ tajjeb li nbixxu bi prodott li jkun fih il-kupru sabiex infejqu l-griehi li nkunu għamilna, speċjalment jekk inkunu wżajna makkinarju tal-ħsad. Dan jgħodd ukoll għas-siġar tal-frott malli jinżgħu l-weraq għalkollox.

Żewġ insetti oħra li jagħmlu ħafna ħsara lis-siġar tal-frott irqiq huma s-susa tal-lanġas u tal-ħawħ. Dawn ta' spiss tarahom jixxemmxu maz-zkuk, u dan ifisser li jkunu qegħdin ipassu u jbidu. Għalhekk tajjeb li nagħtu bexxa ta' prevenzjoni b'dawra maz-zokk u l-friegħi prinċipali.

Min għandu d-dwieli tal-mejda għandu jaħseb biex ibixxhom kontra l-"botrytis", kontra s-susa tal-frott u kontra d-dubbiena tal-frott. L-insettiċidi jaħdmu wkoll kontra l-ħanfusa s-sewda u x-xgħat tagħha li jħerri l-weraq. Ma ninsewx ngħattu d-dwieli b'xibka ħalli ma nħallux lill-għasfur tal-bejt jagħmlilna ħerba.

**Żabra** - Malli niġbru ż-żebbuġ nistgħu nibdew iż-żabra, u huwa meħtieġ li nbaxxu s-siġar, nagħtuhom l-arja u d-dawl, u neliminaw l-ibgħal u l-friegħi baxxi ta' mal-art. Iż-żabra trid tkun qawwija meta s-siġar jiffullaw iżżejjed, u tajjeb li niżbru biss uħud mis-siġar tagħna f'sena waħda u mhux kollha f'daqqa. Siġra taż-żebbuġ trid tliet snin biex tagħmel produzzjoni fi kwantità wara żabra qawwija. Jekk għandna l-mard tal-kankru tal-friegħi għandna neliminaw dawk il-friegħi morda u naħarquhom. Tajjeb illi qabel ngħaddu minn siġra għal oħra nużaw diżinfettant fuq l-għodda tal-ħabra, bħal spirtu abjad, alkoħol industrijali jew bliċ. Il-griehi għandhom jinżebgħu bil-qatran.

**Taħwil u Tilqim** - Issa li t-temp qed jinbidel nistgħu naħsbu biex inħawlu siġar tal-frott u ornamentali, arbuxxelli, xeblieka u pjanti oħra mixtrijin fil-qsari u ngħinuhom b'tisqija regolari. Qabel it-taħwil tajjeb li ntajru dawk l-għeruq imdawrin fil-qiegħ tal-qasrija u dik ix-xibka ta' madwar il-balla tal-ħamrija. Ix-xitel imħawwel għandna norbtuh ma' waqqafa jew tnejn.

Dan iż-żmien tajjeb ukoll biex inlaqqmu dak is-selvaġġ tal-frott li nkunu ħawwilna fir-rebbiegħa u li issa ħaxxen m'eħxen lapes jew iżjed. It-tilqim għandu jsir bil-għajn li torqod.

**Xogħol ieħor fil-ġnien jew fl-għalqa** - Importanti li nżommu kontroll tal-ħaxix ħażin permezz tal-użu ta' erbiċidi, jew aħjar bl-użu ta' mezzi mekkaniċi bħal muturi tal-ħart u tal-ħaxix, inkella bl-idejn.

Tista' tiżra' direttament fl-art il-patata, il-qaqoċċ, it-tewm, il-kurrat, il-qara bagħli, il-piżelli bikrija, il-ful, u tħawwel il-pastard, il-brokkoli, il-kaboċċi, it-tadam tal-qasab, il-basal abjad, il-ħass, is-selq u l-indivja. Fil-ħmiemel jew fit-tilari tista' tiżra' l-basal, il-karrotti, in-nevew, il-ġidra, il-kaboċċi, il-kaboċċi taz-zokk, il-karfus, it-tursin, il-pitravi, ir-ravanell, is-selq, il-ħass, l-indivja u l-busbież.

Għal min iħobb il-fjuri fir-rebbiegħa, dan huwa ż-żmien illi tiżra' ż-żerriegħa tal-fjuri bħal qronfol, ġiżi, sempreviva, papoċċi u ħafna oħrajn. Dan huwa wkoll żmien it-taħwil tal-basal jew riżomi tal-fjuri. Fosthom insemmi l-gladjoli bikrin, l-alljum, il-liljum, l-amarillis, in-narċis, it-tulipani, il-krokus, il-muscari, il-friżja, il-gjaċinti, iċ-ċiklami, l-iris u l-buqari. Ħafna mill-basal jitpoġġa bil-ponta 'l fuq u jitgħatta kemm kemm bil-ħamrija jew kompost. Iċ-ċiklami u l-buqari kemm jitpoġġew fil-wiċċ.

Fl-għelieqi, meta jippermetti t-temp, il-bdiewa għandhom jirsistu sabiex jiżirgħu l-qamħ, ix-xgħir, il-felu, is-silla, il-ġulbiena, il-ful ta' ġirba u l-widna. Oħrajn jistgħu jippreparaw il-wiċċ u jifirxu l-plastik biex iħawlu l-frawli bikrija.

Nawguralkom il-ħidma t-tajba.



Tulipani

# KIF TAGĦŻEL IL-KELB LI JAQBEL GĦALIK

Dennis Sciberras



Il-klieb u l-ġriewi wkoll għandhom il-personalità notevoli tagħhom, u għalhekk meta wieħed jiddeċiedi li jġib kelb bħala pet għandu jaħsibha sewwa u jifli bir-reqqa l-istil ta' ħajja li għandu. Kelb, bħal kull annimal huwa xi ħaġa ħajja, u għalhekk għandu l-bżonnijiet tiegħu ta' kuljum. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li kelb mhux oġġett li tista' teħles minnu. Kelb huwa ħlejqa ħajja li se tqatta' madwar għaxar snin jew iktar mal-familja tiegħek. Barra minn hekk, il-kelb huwa miegħek GĦAL ĦAJTU!

Hija regola ġenerali li l-personalità tal-kelb tibda toħroġ minn meta dan ikollu seba' ġimgħat, u għalhekk ikun għaqli li wieħed iqabbel l-istil tal-ħajja tiegħu mal-personalità tal-kelb.

Dawn huma xi punti li jistgħu jgħinuk tagħraf il-karattru tal-kelb jew ġeru:

**Karattru Dominanti:** Mal-ewwel daqqa t'għajn, il-kelb/ġeru dominanti jista' jidher soċjevoli, interattiv u kunfidenti. Madankollu, wieħed għandu jibqa' josservah jekk pereżempju jisraqx il-ġugarelli tal-klieb/ġriewi sħabu. Ninnutaw jekk pereżempju dan jilgħabx goff magħhom jew jekk jaqbiżx fuq sħabu l-klieb/ġriewi daqslikieku ma jeżistux!

Dawn kollha huma sinjali ta' determinazzjoni, intelliġenza u dominanza. Għalkemm huma kollha kwalitajiet tajbin wieħed għandu jara jekk dawn il-karatteristiċi humiex kompattibbli mal-istil ta' ħajja fid-dar tiegħek. Madankollu, jekk għandek il-ħin u l-ħeġġa għal dan it-tip ta' karattru, dan il-karattru jagħtik sodisfazzjon kbir. Jekk mill-banda l-oħra l-ħin tiegħek huwa limitat, u forsi kont qed tfittex kelb/ġeru iktar plaċidu, dan il-karattru ma jgħoddx għalik.

**Karattru Ribelluż:** Klieb/ġriewi f'dan il-grupp huma "quick-thinkers", iħobbu jieħdu gost u jħobbu jinvolvu ruħhom f'kollox. Bħall-klieb dominanti dawn jieħdu verament gost jilagħbu bil-ġugarelli, pero` dawn għandhom karattru iktar sensittiv. Infatti mhux rari li tara kelb dominanti jilgħab ma' dak ribelluż pero` r-ribelluż jieħu rwol sottomissiv meta d-dominanti juża s-saħħa tiegħu.

Il-karattru ribelluż jidħol għaliha mingħajr ma jkun daqshekk rasu iebsa. Dan huwa temperament ideali għal persuna attiva jew għal familja bi tfal ta' ċerta età.

**Karattru Ħassiebi u Indipendenti:** Dawn il-klieb/ġriewi jittolleraw u jinteraġixxu għal ftit tal-ħin, imma jkunu kuntenti anki jekk joqogħdu jilagħbu waħidhom b'xi ġugarell.

Dawn il-klieb/ġriewi huma ideali f'familja b'regoli, fejn is-sidien jirrispettaw bis-sħiħ l-indipendenza tagħhom, u billi s-sid ikun kapaċi jagħtihom ċerta dixxiplina, sens ta' tagħlim u impenn. Minħabba l-"alertness" u l-indipendenza tagħhom, ikun ideali jekk dawn il-karattri jiġu mrobbija fi djar kalmi, pereżempju bl-anzjani jew djar mingħajr tfal.

**Herqana li jingħoġbu:** Dan il-karattru huwa ħerqan ħafna li jintgħoġob u jkun dejjem attent u interessat f'dak kollu li tkun qed tagħmel. Din l-attitudni tista' twasslu biex dan il-"pet" ikun ubbidjenti ħafna jekk is-sid tiegħu juri konsistenza u dixxiplina. Pero` wieħed għandu joqgħod attent kif tingħata t-twiddiba peress li l-kelb/ġeru jista' jinterpreta t-twissija bħala logħba, u dan jibda jirrepeti l-azzjoni biex jiġbed l-attenzjoni. Minħabba l-kapaċità li jitgħallmu, dawn il-klieb/ġriewi huma kumpanija mill-isbaħ, iżda jistgħu jispiċċaw jitilfu d-direzzjoni jekk ma jkunx hemm dixxiplina xierqa.

**Karattru Passiv:** Dan it-tip ta' karattru jaf jibbilanċja l-logħob, l-irqad u l-interazzjoni, u jagħżel illi jagħmel dak li jogħġbu, kif u meta jrid. Forsi dan il-karattru huwa inqas intelliġenti mill-oħrajn, u bis-sempliċità tagħhom, dawn il-frieħ jagħżlu li jagħmlu dak li jridu u meta jkunu jridu.

Dawn il-ġriewi għandhom bżonn ħafna stimoli u motivazzjoni, u wieħed għandu jkun kreattiv biex iħajjarhom jagħmlu dak li jrid minnhom. Dawn il-klieb/ġriewi mhumiex ideali għal sid riġidu, iżda jikkumplimentaw dar b'atmosfera rilassata u jmorru tajjeb f'ambjent ta' dar bi tfal żgħar, pero` trid dejjem tingħata attenzjoni li r-razza tal-kelb tkun xierqa.

**Karattru Doċli u Ġentili:** Dawn il-ġriewi ħafna drabi jispiċċaw taħt il-ġriewi l-oħra li jieħdu l-vantaġġ min-natura doċli tagħhom. Dawn il-klieb/ġriewi huma wkoll passivi u ħerqana li jintgħoġbu. Fi ħdan il-boton tagħhom, dawn il-ġriewi x'aktarx issibhom qrib ommhom u jużaw il-protezzjoni tagħha bħala wens. Din il-personalità tgħodd għal dawk is-sidien li jippreferu l-fsied fuq it-taħriġ intensiv. Dawk b'din il-personalità huma anqas probabbli li jimirħu, minħabba li jippreferu joqogħdu viċin id-dar tagħhom, għax din hija prijorità assoluta għalihom.

**Karattru Timidu:** Dawn il-ġriewi/klieb jiġbdulek għajnejk bin-nuqqas qawwi ta' awtorità li juruk. Jista' jidher li dawn setgħu ġew abbużati, iżda ħafna drabi dan ma jkunx il-każ. L-aġir tagħhom huwa marbut aktar mal-karattru ħafna drabi anzjuż, milli mat-trobbija jew trawwim ħażin. Meta wieħed jersaq lejhom, dawn ħafna drabi jintelqu fuq daharhom u żaqqhom 'il fuq, inkella jinġibdu lura bħala mezz ta' sottomissjoni totali. Dawk b'dan il-karattru titħassarhom u tkun tixtieq tgħinhom minn qalbek, imma wieħed għandu jagħżel dan it-tip ta' karattru biss jekk għandu l-ħin u l-paċenzja x'jiddedikalhom sabiex irawwem fihom il-kuraġġ u l-awtostima.

Irrispettivament mill-isforzi tiegħek, ġriewi timida jistgħu dejjem ikunu anzjużi u jibqgħu ma jegħlbux il-biżgħat tagħhom. Huma dejjem jeħtieġu direzzjoni, u għalhekk mhumiex għażla xierqa għall-familji bit-tfal.

B'għażla għaqlija jkun kuntent kemm il-kelb kif ukoll is-sid!






# L-IMĦABBA LEJN L-ANNIMALI F'700 RITRATT

## Madwar 700 student minn 35 skola pparteċipaw f'kompetizzjoni tar-ritratti li fiha kienu mitluba jieħdu ritratt mal-annimal domestiku tagħhom.

Ir-rebbieħa tħabbru f'ċerimonja qasira fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa nhar il-Ġimgħa 4 ta' Settembru. Għal din iċ-ċerimonja attendew il-Ministru tal-Edukazzjoni Evarist Bartolo u s-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes.

Ir-rebbieħa, li kienu maqsuma f'erba' kategoriji skont l-età u oħra għall-istudenti Għawdxin, ingħataw kotba edukattivi bħala premju għall-kreattività u l-entużjażmu tagħhom.

F'kelmtejn tal-okkażjoni, il-Ministru Evarist Bartolo qal illi huwa importanti li t-tfal jikbru fil-valuri tal-imħabba lejn l-annimali u r-rispett lejn il-ħajja, li huma valuri importanti fl-edukazzjoni tagħhom.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes saħaq illi kampanji bħal dawn huma intiżi sabiex jikber l-għarfien dwar id-drittijiet tal-annimali, bl-edukazzjoni tkun għodda biex tippreveni li annimali jispiċċaw abbandunati jew maħqura.

Din il-kompetizzjoni kienet parti minn kampanja ta' promozzjoni favur il-ħarsien tal-annimali li saret fiċ-ċentri ta' SkolaSajf.

Permezz ta' din il-kampanja, uffiċjali tal-ħarsien tal-Annimali flimkien ma' uffiċjali mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali żaru madwar tletin ċentru ta' SkolaSajf akkumpanjati minn xi klieb, filwaqt illi ġew organizzati wkoll harġiet għall-istudenti fil-kumpless tal-Għammieri biex ikollhom l-opportunità li jaraw mill-viċin annimali varji, fosthom speċi rari ta' annimali Maltin, bħall-Gendus Malti. Waqt dawn l-attivitajiet, kull tifel u tifla ngħataw materjal informattiv dwar il-ħarsien tal-annimali.

Roderick Galdes innota b'sodisfazzjon illi d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali se jħejji programm sabiex dak li nbeda waqt SkolaSajf jitkompla wkoll matul is-sena skolastika 2015/16 fl-iskejjel primarji u sekondarji.

Żied jgħid kif l-irwol tal-"Animal Welfare" mhuwiex biss li jassisti lill-annimali fil-bżonn, iżda li jippromovi wkoll l-importanza tal-ħarsien tal-annimali. Galdes sostna kif b'xorti tajba, qed jiġu rrappurtati inqas każijiet ta' moħqrija tal-annimali, u min lest li jabbuża jew jaħqar annimal se jkun qed jiffaċċja pieni eħrex minn dawk tal-passat, grazzi għall-emendi li saru fl-aħħar xhur.

Is-Segretarju Parlamentari rringrazzja lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, lid-Dipartiment tal-ħarsien tal-Annimali u lill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi tal-kollaborazzjoni tagħhom f'dawn il-kampanji.

# REGOLAMENTI ĠODDA FIS-SEĦĦ

**Regolamenti tal-2015 dwar l-Istandards għat-Tqegħid fis-Suq tal-Frott u l-Ħxejjex**

L-għan ta' dawn ir-regolamenti huma li jipproteġu l-interess tal-konsumatur u li dan jirċievi informazzjoni trasparenti fuq il-prodott, b'mod partikolari fuq prodotti ta' ħxejjex u frott frisk. Din l-informazzjoni għandha tinkludi fiha l-oriġini, il-klassi u fejn huwa neċessarju l-varjetà jew informazzjoni kummerċjali tal-prodott. Dawn għandhom jimxu mar-rakkomandazzjonijiet ta' standard applikat mill-UN-Economic Commission għall-Ewropa li tirregola wkoll dawn il-prodotti b'mod globali.

**Regoli tal-2015 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Ħtiġijiet tas-Saħħa tal-Annimali, għall-Annimali tal-Akkwakultura u l-Prodotti tagħhom, u dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' ċertu Mard f'Annimali Akkwatiċi**

Saru xi emendi sabiex jirriflettu t-tibdiliet imposti mid-direttivi tal-Unjoni Ewropea 2006/88/EC sabiex jidħlu fis-seħħ ċerti regoli li jissalvagwardjaw u jassiguraw ħtiġijiet neċessarji sabiex ikun hemm prevenzjoni ta' mard u tiġi assigurata s-saħħa għall-Annimali tal-Akkwakultura u l-prodotti tagħhom.

**Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet imħallsin f'ċentri tal-Bejgħ tal-Prodotti tal-Biedja 2015**

Bħala parti mill-proċess ta' riforma adegwata li qed issir fil-Pitkalija f'Ta' Qali ġiet identifikata l-importanza li tiġi installata sistema u jinbeda proċess sħiħ ta' immaniġġjar tal-kaxxi wżati sabiex in-nefqa tal-Gvern f'dan is-settur tiġi mnaqqsa b'mod aktar sostennibbli.

**Regolamenti tal-2015 dwar l-Ewtanasja ta' Emerġenza tal-Annimali**

L-iskop ewlieni ta' dawn ir-regolamenti huma li jiġu implimentati miżuri nazzjonali b'referenza għall-artiklu 11 fl-Att Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (KAP. 439) b'rispett sħiħ lejn it-twettiq ta' ewtanasja b'emerġenza f'postijiet u spazji pubbliċi f'pajjiżna.

**Regoli tal-2015 dwar il-ħtiġijiet ta' Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni.**

Din hija meqjusa bħala għodda legali ta' importanza u ewlenija sabiex jiġu mħarsa l-ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali fejn tidħol l-importazzjoni. Dan fir-rigward ta' annimali li jmorru lil hinn minn dawk domestiċi, li jipproduċu l-ikel, jew annimali meqjusa bħala 'pets'; bħal klieb u qtates li jkunu qegħdin isiefru flimkien ma' sidhom. Il-lista sħiħa uffiċjali ta' dawn l-istess annimali meqjusa bħala 'pets' tinstab fir-regolamenti 576,577 tal-2013.

**Regolamenti tal-2015 dwar l-Interventi Kirurġiċi fuq Annimali**

Aktar trasperenza kienet meħtieġa sabiex jiġu indikati l-individwi li possibbilment jistgħu jwettqu interventi kirurġiċi fuq l-annimali u dwar derogi speċjali għar-raħħala. Din il-liġi tiffaċilita l-interpretazzjoni ta' liema annimali jista' jsirilhom intervent 'il barra minn stabbilimenti reġistrati ta' veterinarji.

Permezz ta' din l-istess liġi, abbuż eżistenti minn terzi persuni jitnaqqas, u jittieħdu wkoll passi f'każijiet fejn l-istess persuni jwettqu interventi mingħajr ma huma rreġistrati li jagħmlu dan. L-annimali, permezz ta' din il-liġi qegħdin jiġu mħarsa aktar, u f'pajjiżna qed jitnaqqas l-abbuż fuqhom.

**Regolamenti tal-2015 dwar ir-Relazzjonijiet Kuntrattwali fis-Settur tal-Ħalib u tal-Prodotti tal-Ħalib**

Din is-sena ġiet introdotta u ddisinjata l-"Milk Package" bil-għan li jittejjeb pjan illi jħares aktar fit-tul. Dan wara li spiċċat is-sistema tal-kwota tal-ħalib. Din is-serje ta' miżuri hija mmirata li tħares aktar il-pożizzjoni u ttejjeb il-qagħda tal-produtturi tal-ħalib sabiex isiru aktar kompetittivi fis-suq u jħarsu futur aktar sostenibbli fis-settur.

# GĦERF IL-POPLU

Christopher Bonnici

Insellmilkom mill-ġdid u nittama li kellkom sajf tajjeb u ta' mistrieħ. Minħabba li issa bdejna l-istaġun tal-ħarifa, din id-darba ħsibt f'żewġ għajduti partikolari, wieħed minnhom b'laqta wkoll festiva. Wara kollox, għalina l-Maltin, il-festi li niċċelebraw fil-parroċċi tagħna mhux biss jagħtuna sens reliġjuż jew ċans biex niċċelebraw soċjalment, imma wkoll huma patrimonju kulturali u folkloristiku. Għalhekk, bosta qaddisin, li l-kult tagħhom marbut ma' parroċċi aktarx antiki, intrabtu magħhom diversi għajduti.

Mela tlaqna;

**Qamar Settembru Jiġbed Sebgħa Warajh**

Il-qamar iġedded kull tmienja u għoxrin ġurnata, u għalhekk kull xahar ikollna qamar ġdid. Dak illi jġedded matul dan ix-xahar jingħad illi "jiġbed sebgħa warajh". Dan ifisser illi jekk il-qamar ta' Settembru "jitwieled" fil-maltemp, missirijietna kienu jisħqu li sa April stenna l-maltemp; jekk iġedded b'riħ ix-Xlokk, sa April stenna xitwa li fiha jkollna ħafna riħ ġej mix-Xlokk. Jekk hux minnu jew le dan it-twemmin m'iniex se nidħol fiha, madankollu biex kienu jgħiduh bosta bdiewa, sinjal illi l-għerf ta' missirijietna kien jgħinhom jifhmu kif l-aħjar iqassmu x-xogħol fir-raba' tagħhom skont dawn il-fenomeni naturali.



**Santa Katerina, Fora Gallina**

Mhux l-għan tiegħi li nidħol f'xi parrokjaliżmu imma se nitħaddet dwar l-istorja. Tnejn mill-ewwel parroċċi f'Malta, iż-Żejtun u ż-Żurrieq huma ddedikati lil Santa Katarina ta' Lixandra. Il-festa ta' din il-qaddisa taħbat fil-25 ta' Novembru. Illum nagħtu kas inqas id-dati festivi minħabba li bosta minnhom ma baqgħux ikunu ċċelebrati fil-jum propju u tħaxknu fl-istaġun li għadna kif temmejna. Mingħajr qatt ma kkampanjat favur jew kontra, Katarina sabet postha wkoll fil-passa tal-għasafar. Jekk inħarsu lejn il-passa tal-gamiem, b'kollox huma tlieta l-festi li magħhom intrabtet il-passa. L-ewwel passa mistennija fi żmien il-festa ta' San Ġorġ Martri nhar it-23 t'April, it-tieni passa tkun mistennija qrib it-3 ta' Mejju li taħbat il-festa ta' Santu Kruċ, filwaqt illi t-tielet passa hija mistennija għall-ħabta tat-12 ta' Mejju, il-festa ta' San Filippu t'Aġira. Madankollu, il-kaċċa u l-insib jerġgħu jkunu mistennija fi żmien il-ħarifa wkoll, u għalhekk, minkejja li l-istaġun ikun għadu miftuħ, missirijietna kienu jsostnu li l-aqwa tal-istaġun, sal-festa ta' Santa Katarina kien ikun għadda, għalhekk "fora"... mit-Taljan "fuori".



Nittama li sibtu din ir-rokna interessanti, u filwaqt illi nġedded, jekk Alla jrid l-appuntament għal ħarġa oħra fi żmien il-festi tal-Milied, inselli għalikom.

